**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 8**
**Rikors Nru. 24/2020 JZM**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-20 ta` Lulju 2020 li jaqra hekk :–

*Illi, in forza tas-subartikolu 2 tal-Artiklu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) l-intimat Registratur tal-Kumpaniji hassar l-isem tal-kumpanija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, u dan in segwitu*

*ghall-pubblikazzjoni ta` avviz li deher fil-gazzetta The Times of Malta tal-25 ta` Marzu 2020 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A).*

*Illi r-Registratur ipproceda billi jhassar isem il-kumpannija u dan minkejja li l-bank rikorrenti, qua kreditur, u fi zmien koncess lilu skont l-istess avviz, ikkomunika mal-intimat sabiex l-kumpannija de quo ma tigix struck off ghar-ragunijiet suesposti izda tali komunikazzjoni, sfortunatament, ghal raguni jew ohra, ma gietx attwata (estratt tal-korrispondenza hawn annessa u mmarkata Dok B).*

*Illi l-bank rikorrenti huwa kreditur tas-socjeta` Events Travel and Incentives Ltd (C13049) u dan kif jirrizulta minn kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone u datat is-27 ta` Awwissu 2009, permezz ta` liema l-kumpanija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) iddikjarat illi hija vera, certa u likwida debitrici tal-Bank (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C).*

*Illi l-kumpannija msemmija u cioe` Events Travel and Incentives Ltd (C13049) ghadha debitrici tas-socjeta` rikorrenti tant li permezz ta` digriet tas-17 ta` Dicembru 2019 il-Qorti Civili, Prim Alwa awtorizzat il-bank jezegwixxi l-istess titlu ezekuttiv kontra s-socjeta` Events Travel and Incentives Ltd (C13049) (kopja tar-rikors u digriet relattiv hawn annessi u mmarkati Dok D u Dok E).*

*Illi ghalhekk il-bank ghandu dak l-interess rikjest skont il-Ligi biex jitlob li tali kumpannija terga` tigi ammessa fil-lista ta` kumpanniji sabiex l-interessi kreditarji tal-bank jigu salvagwardjati.*

*Illi galadarba, kif premess, il-bank kien debitament gharraf, skont il-prattika, lir-Registratur tal-Kumpanniji li huwa jgawdi kreditu fil-konfront tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) u ma kienx hemm lok li isem il-kumpannija jithassar, izda minkejja dan, ghal xi raguni jew ohra, tali ezercizzju ta` thassir issokta, ir-rikorrenti jhoss li jekk kemm-il darba l-Qorti jkollha l-pjacir tilqa` t-talba tal-bank aktar `l isfel imfissra, tali digriet m`ghandux jinkludi l-obbligu fuq l-intimat registratur li jerga`, mill-gdid b`mod awtomatiku, ihassar isem il-kumpannija wara numru ta` snin, dan galadarba l-fatt li l-bank laqa` l-istedina tar-Registratur billi gharrfu, entro t-tliet xhur*

*previst mil-Ligi, li kien hemm raguni tajba u valida sabiex it-thassir ma jsirx.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, tenut kont tas-suespost, jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li isem is-socjeta` Events Travel and Incentives Ltd (C13049) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji, b`dawk id-direzzjonijiet u provedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkustanzi, u dan a tenur tas-sub artiklu 4 tal-Artiklu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-3 ta` Settembru 2020 u li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd. (C 13049) kienet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fit-3 ta` Settembru 1991.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija, naqset mill-obbligi tagħha milli tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur għar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. Fil-fatt l-aħħar kont annwali registrat mar-Registratur kien tas-sena 2009 filwaqt illi l-aħħar prospett annwali kien tas-sena 2012.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent jipprocedi billi kiteb lill-kumpannija u lill-ufficjali tagħha sabiex skont il-procedura preskritta taħt l-Artikolu 325 javza illi kemm-il darba ma tintweriex raguni bizzejjed sabiex issir il-kuntrarju l-isem tal-kumpannija de quo kien sejjer jigi mħassar minn fuq ir-Registru. Tajjeb wieħed jinnota li d-defunct procedure bdiet u giet mwaqqfa wkoll għall-azzjonist ewlieni tal-kumpannija Costanzi Group Limited (C 18524).*

*Illi konsegwentement kif għadda t-terminu preskritt, l-esponent avza permezz tal-pubblikazzjonijiet relevanti illi l-isem tal-kumpannija*

*Events Travel and Incentives Ltd. (C 13049) kien gie mħassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent, illi huwa kreditur, qiegħed jgħid illi tali tħassir sar għal xi raguni jew oħra minkejja l-fatt illi huwa għarraf lill-esponent bl-interess tiegħu illi tali tħassir ma jsirx.*

*Illi bħala prova r-rikorrent annetta e-mail mibgħuta mis-Sinjura Ruth Seychell fejn intqal illi r-rikorrent kien qiegħed joggezzjona għal tali tħassir sabiex ma jigix pregudikat bħala kreditur tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi ta` minn wieħed jiccara illi r-raguni illi wasslet lill-esponent sabiex jipprocedi b`Artikolu 325 illi l-e-mail in kwistjoni ma gietx mibgħuta b`mod legibbli u l-access għall-kontenut tagħha kien wieħed elettronikament difficli u oneruz għaliex intbagħat b`forma encrypted.*

*Illi dan fil-verita` u fil-prattika sabiex wieħed jasal sabiex jigi magħruf lilu l-kontenut ta` tali e-mail, hemm procedura specifika u unika għal dan il-Bank in kwistjoni. Dan wassal għal dewmien inutli u proceduri skont l-esponent zejda fejn il-kontenut kellu jkun biss wieħed semplici fejn l-esponent qiegħed jigi mgħarraf bl-interess tal-Bank.*

*Illi kif kjarament jidher mid-dokumenti annessi bhala prova ma` din ir-risposta kien hemm diversi passi u proceduri illi jekk ma jigux ezegwiti ezattament wieħed wara l-ieħor, ir-ricevitur tal-e-mail jibqa` fl-għama dwar il-kontenut li suppost kellu jasal lill-esponent b`mod facli, prattiku u effikaci.*

*Illi l-ufficjal inkarigat għamel diversi komunikazzjonijiet telefonici ma` ufficjali tal-Bank intimat sabiex finalment seta` jiftaħ l-email u l-kontenut tagħha magħruf lir-Registratur fid-9 ta` Lulju 2020 (l-istruzzjonijiet li kellhom jittieħdu kif ukoll meta infetħet l-email qegħdin jigu annessi u mmarkati bħala Dok. A) jigifieri wara li l-isem tal-kumpannija kien diga` gie effettivament mħassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-esponent qed jirrimetti ruħu għall-provi u għal gudizzju abbli ta` dina l-Onorabbli Qorti dwar il-passi illi għandu jieħu sabiex jigu rrangati l-affarijiet tal-kumpannija in kwistjoni mingħajr ma` dawn jitwalu bla bzonn u sabiex jigi evitat kwalunkwe lok għal abbuz.*

*Illi fl-istess ħin l-esponent qiegħed umilment jissolleva illi meta korrispondenza jkollha x`taqsam ma` proceduri fejn iz-zmien huwa essenzjali u stabbilit mil-ligi bhal f` kazijiet bhal dawn illi l-esponent u dina l-Onorabbli Qorti gew iffacjati bihom, tali procedura għandha tigi sostitwita b`waħda iktar prattika u semplici.*

*Tali procedura bħal din odjerna setgħet facilment tigi evitata kieku ntbagħtet korrispondenza bħas-soltu, fejn l-esponent f`kull kaz jagħmel mill-aħjar tiegħu sabiex ebda nteressi ta` krendituri jew ta` xi persuna oħra ma jigu b`xi mod mittiefsa.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat id-dokumenti li pprezenta r-rikorrent fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2020 inkluz ix-xiehda bl-affidavit ta` Ruth Seychell.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-Art.325 tal-Kap.386</u>

Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli. Il-bank rikorrent qieghed jitlob li dak l-isem

jerga` jitqieghed fuq ir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). Huwa evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum, izda, unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.

Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista` jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista` jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta` l-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(3) Jekk, f`xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b`sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista` jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, avviz li f`eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta` l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu*

*jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta` qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta` kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta` kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## III. <u>Risultanzi</u>

Fil-kaz tal-lum, il-kwistjoni li qamet ma kinitx daqstant jekk l-intimat kellux ragun li jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija de qua mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325, izda jekk l-intimat kellux ihassar dak l-isem xorta, minkejja li r-rikorrent, bhala kreditur tal-kumpannija, kien avza lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 li l-kreditu tieghu kontra l-kumpannija kien ghadu pendenti. Ir-rikorrent jikkontendi li ma kienx ikun hemm htiega li jipprocedi skont is-subartikolu (4) tal-Art 325 sabiex l-isem tal-kumpannija jitqieghed lura fir-registru li kieku l-intimat, wara li nghata avviz mir-rikorrent li kien kreditur tal-kumpannija, ma baqax ghaddej bit-thassir tal-isem.

**Il-kwistjoni timmerita analizi tas-subartikoli (1) u (2) tal-Art 325, li l-applikazzjoni taghhom ghandha fuq naha wahda ssegwi l-kejl tal-buon sens, u fuq in-naha l-ohra l-ispirtu wara d-disposizzjonijiet aktar milli twettieq strett tal-ittra tal-ligi.**

Tghid mill-ewwel illi kienet l-imgieba tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (kif imfissra mill-intimat fir-risposta) li bir-ragun wasslet lill-intimat sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Ghar-rigward tal-kumpannija, il-Qorti hija sodisfatta li l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325 u ghax il-kumpannija (li hija rapprezentata mid-diretturi taghha) baqghet inadempjenti, skatta t-thassir tal-isem mir-registru skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325. Waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija li, fil-kors ta` dawk it-tliet xhur, tissoddisfa lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-thassir. Jekk il-kumpannija tibqa` nadempjenti billi jew ma tiehux azzjoni fit-terminu, inkella jekk tiehu azzjoni fit-terminu ma tissoddisfax lill-intimat li ghandha ragunijiet tajba, allura l-isem jithassar.

Il-Qorti tishaq li s-subartikolu (2) huwa intiz sabiex jirregola kif ghandha tipprocedi l-kumpannija meta tiskatta l-procedura tat-thassir tal-isem skont is-subartikolu (1).

Jinsorgi pero` kwesit, propju dak li hareg fil-kaz odjern.

**Jekk ikun kreditur (mhux il-kumpannija debitrici) li jaghti avviz lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur skont is-subartikolu (2) sabiex l-isem tal-kumpannija debitrici ma jithassarx ghax il-kreditu tieghu kontriha jkun ghadu pendenti, ghandu dak l-avviz ikun bizzejjed sabiex l-intimat ma jkomplix bit-thassir tal-isem tal-kumpannija debitrici mir-registru ?**

**Is-subartikolu (2) huwa <u>sieket</u> dwar sitwazzjoni ta` din ix-xorta.**

Mill-mod kif wiegeb ghall-azzjoni tar-rikorrent, l-intimat qieghed **<u>indirettament</u>** jaccetta li kieku seta` jaccedi ghall-avviz fit-terminu tat-tliet xhur skont is-subartikolu (2) kien iwaqqaf il-procedura tat-thassir. Mhux kontestat li nghata avviz mir-rikorrent f`dawk it-tliet xhur. Il-kontestazzjoni kienet li l-intimat ma setax jaccedi ghall-avviz tar-rikorrent billi dan inghata permezz ta` *encrypted email* li r-rikorrent baghat b`dak il-mod ghal ragunijiet ta` sigurta`bankarja.

**Tenut kont tal-provi, il-qorti hija sodisfatta li nghata l-avviz tajjeb u adegwat mir-rikorrent, u kien biss minhabba disgwid intern ghall-intimat li dan baqa` ghaddej bil-procedura tat-thassir tal-isem.**

Il-Qorti tikkonferma dak li kellha okkazjoni tghid fi pronunzjamenti taghha precedenti li t-thassir tal-isem ta` kumpannija skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex mahsub sabiex jolqot il-persuni li ghandhom jedd ghall-azzjoni skont is-subartikolu (4) tal-Art 325.

**Tkompli tespandi l-hsieb taghha b`dan il-mod :**

- Jekk il-kumpannija (rapprezentata mid-diretturi taghha) tibqa` nadempjenti skont is-subartikolu (2) ma tistax tirrikorri ghall-azzjoni skont is-subartikolu (4).

- Ladarba is-subartikolu (2) jiggarantixxi pubblicita` tal-oghla grad fit-twettieq tal-procedura tat-thassir tal-isem, ma tara xejn avvers ghall-ispirtu tad-disposizzjoni li xi persuna minn dawk li huma ndikati fis-subartikolu (4) jaghti hu avviz fit-terminu tat-tliet xhur previst mis-subartikolu (2) ; propju ghaliex dak l-avviz jaf jevita l-azzjoni skont is-subartikolu (4) u b`hekk ikun evitat hela ta` zmien u spejjez bla bzonn.

- Jekk ghal xi raguni avviz moghti minn persuna ndikata fis-subartikolu (4) ma jwassalx biex izomm it-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) [kif gara fil-kaz tal-lum] dawk il-persuni ma jitilfu xejn mid-dritt ta` azzjoni skont is-subartikolu (4).

- Membru jew kreditur tal-kumpannija jew xi persuna ohra li jkollha interess m`ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2). Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) ma johloqx stat kontra taghhom. Dment illi dawk il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru.

**Daqstant bhala kjariment tal-istat tad-dritt.**

Ghal dak li jirrigwarda **<u>l-mertu tat-talba</u>** tar-rikorrent, il-qorti hija tal-fehma li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija debitrici jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji sabiex il-bank rikorrent ikun jista` jezegwixxi t-titolu ezekuttiv (fol 5 et seq) li ghandu kontra taghha fuq proprjeta` ipotekata favur il-bank rikorrent. B`hekk it-tqeghid mill-gdid tal-isem tal-kumpannija debitrici fir-registru jissarraf f`att ta` gustizzja sostantiva.

Fl-istess waqt ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi regolatorji tal-intimat, il-qorti qeghda tinsisti mal-bank rikorrent illi jfittex jirkupra l-kreditu tieghu minghajr ma jhalli perijodi twal sabiex jagixxi. Il-qorti trid issib bilanc bejn l-interessi tal-bank rikorrent u dawk tal-intimat li

huwa fid-dmir jassikura li s-socjetajiet registrati mieghu joqghodu mal-obbligi statutorji taghhom.

**Il-Qorti sejra takkorda lill-bank rikorrent zmien sentejn u sitt xhur b`effett miz-zmien li ser jissemma fil-parti decizorja ta` dan il-provvediment sabiex jezegwixxi l-kreditu tieghu kontra l-kumpannija debitrici.**

Il-qorti trid tassikura li l-bank rikorrent jagixxi fil-pront in tutela tal-interessi tieghu ghaliex m`ghandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem tal-kumpannija debitrici jerga` jidhol fir-registru din sejra tottempera ruhu mal-obbligi taghha skont il-ligi.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tipprovdi hekk :-**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) jerga` tidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien sentejn (2) u sitt (6) xhur b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skont kif sejjer jinghad.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat (7) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qorti jikkonsenja lilu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-**

**kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Bl-applikazzjoni tal-Art. 223(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, in vista tal-kjarimenti ta` dritt li jikkostitwixxu l-qofol ta` dan il-provvediment, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha, hlief ghall-ispejjez tal-ezekuzzjoni ta` dan il-provvediment li ghandhom ikunu a kariku tal-intimat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**